

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – CHEP Equipment Pooling NV vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-396/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Modalitajiet tar-rimbors tal-VAT għal persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fl-Istat Membru tar-rimbors – Direttiva 2008/9/KE – Artikolu 20(1) – Talba għal informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru tar-rimbors – Elementi li jistgħu jkun s-suġġett ta' talba għal informazzjoni addizzjonali – Nuqqas ta' qbil bejn is-somma li tinsab fuq it-talba għal rimbors u s-somma li tinsab fuq il-fatturi prodotti – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prinċipju ta' newtralità tal-VAT – Terminu ta' dekadenza – Konsegwenzi fuq ir-rettifika tal-iżball tal-persuna taxxabbli)

(2021/C 513/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kúria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: CHEP Equipment Pooling NV

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Dispożittiv

L-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru tar-rimbors, fil-każ fejn din tkun kisbet iċ-ċertezza, jekk ikun il-każ fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-persuna taxxabbli, li s-somma tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-input effettivament imħallsa, kif imsemmija fil-fattura meħmuża mat-talba għal rimbors, tkun ogħla mis-somma li tinsab f'din it-talba, tagħmel rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud sa din l-aħħar somma biss, mingħajr ma tkun stiednet lill-persuna taxxabbli minn qabel, b'diliġenza u bl-użu tal-mezzi li jidhru l-iktar xierqa għaliha, sabiex tirrettifika t-talba tagħha għal rimbors permezz ta' talba meqjusa li tressqet sad-data tat-talba oriġinali.

⁽¹⁾ ĠU C 423, 7.12.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Ottubru 2021 – Lípidos Santiga, SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-402/20 P) ⁽¹⁾

(Appell – Enerġija – Direttiva (UE) 2018/2001 – Promozzjoni tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli – Limitazzjoni tal-użu ta' biokarburanti prodotti minn kulturi intiżi għall-ikel tal-bniedem jew l-animali – Regolament Deleġat (UE) 2019/807 – Definizzjoni tal-materji primi b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (TIUA) – Żejt tal-palm – Rikors għal annullament – Kundizzjoni li tgħid li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata – Inammissibbiltà)

(2021/C 513/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Lípidos Santiga, SA (rappreżentant: P. Muñiz Fernández, abogado)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. De Meester u K. Talabér-Ritz, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Lípidos Santiga SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 348, 19.10.2020.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Settembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gericht Erster Instanz Eupen – il-Belġju) – IO vs Wallonische Region

(Kawża C-23/21) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Moviment bit-triq – Sewwieq li jirrisjedi fi Stat Membru – Vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor – Vettura mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' direttur ta' kumpannija stabbilita f'dan l-Istat Membru ieħor – Obbligu ta' reġistrazzjoni fl-ewwel Stat Membru)

(2021/C 513/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Gericht Erster Instanz Eupen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IO

Konvenut: Wallonische Region

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha direttur ta' kumpannija jew ħaddiem li jaħdem għal rasu, li jirrisjedi f'dan l-Istat Membru, jista' jipprevalixxi ruħu minn deroga għall-obbligu ta' reġistrazzjoni, fl-imsemmi Stat Membru, ta' vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor u mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu minn kumpannija, indipendentement minn jekk din għandhiex personalità ġurdika jew le, stabbilita f'dan l-Istat Membru ieħor, biss jekk dokumenti li jattestaw li l-persuna kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' din id-deroga jkun jinsabu, b'mod permanenti, f'din il-vettura.
- 2) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jimponi fuq direttur ta' kumpannija, li jirrisjedi f'dan l-Istat Membru, sabiex jirreġistra vettura mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu mill-kumpannija tiegħu, stabbilita fi Stat Membru ieħor, sa fejn dan id-direttur ma jirċievix salarju jew dħul minn din il-kumpannija, mingħajr il-possibbiltà għalih li juri r-realtà tar-rwol tiegħu fi ħdan l-imsemmija kumpannija, sakemm din il-vettura ma tkun la intiża li tintuża prinċipalment fl-ewwel Stat Membru b'mod permanenti u lanqas ma tkun, effettivament, użata b'dan il-mod.

(¹) ĠU C 128, 12.04.2021.